MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 40/2000/1

**Regina xebba Farrugia**

**-vs-**

**Is-Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' l-Gharb Ghawdex**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-attrici li ppremettiet:

Illi l-attrici hija komproprjetarja flimkien ma' hutha l-ohra tal-lok tad-djar bin-numru hamsa u hamsin u sitta u hamsin (55 u 56), Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex.

Illi l-konvenuti kontra kull arti u s-sengha, u bl-ghaggla probabbilment ghaliex waslet l-elezzjoni fil-hdax (11) ta' Marzu ta' dina s-sena ghall-Kunsill Lokali tal-Gharb, Ghawdex kif ukoll minghajr ebda ppjanar u studju bdew xoghlijiet ta' thaffir ta' trinek u mghodija ta' katusi f'Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex.

Illi l-istess konvenuti nomine permezz tal-haddiema minnhom imqabbda sahansitra jridu jaghmlu spuction, taht l-ghatba tad-dar residenzjali ta' l-attrici u dana meta suppost skond l-arti u s-sengha kwalunkwe spuction jew tappiera ghandha ssir fin-nofs ta' l-istess triq u mhux taht il-bankina;

Illi l-attrici kienet ghalhekk kostretta li tistitwixxi Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-istess konvenuti nomine fl-ismijiet "Regina Farrugia vs Sindku u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' l-Gharb, Ghawdex" (Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/00G3 minhabba l-perikolu imminenti li l-istess attrici tista' issofri jekk ifuru l-istess katusi, liema mandat gie milqugh minn dina l-Onorabbli Qorti bid-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2000.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi x-xoghlijiet ta' thaffir u ta' tqieghed ta' katusi, li qeghdin jaghmlu l-istess konvenuti nomine fit-Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex m'humiex qed isiru skond l-arti u s-sengha;

2. tiddikjara ukoll illi l-attrici ghandha biza' fondat li tahseb li jekk it-tappiera ossia spuction issir, kif huwa fil-fatt ippjanat li ssir mill-konvenuti nomine, precizament taht l-ghatba tad-dar residenzjali taghha bin-numru hamsa u hamsin u sitta u hamsin (55 u 56), Triq il-Knsija, Gharb, Ghawdex, dana x-xoghol sejjer isir bi pregudizzju kbir ghad-drittijiet ta' l-attrici;

3. konsegwentement tinibixxi lill-istess konvenuti nomine milli jaghmlu l-ispuction ossija tappiera fejn l-istess konvenuti nomine qeghdin jippjanaw li jaghmluha u precizament taht l-ghatba tad-dar residenzjali ta' l-attrici

bin-numri hamsa u hamsin u sitta u hamsin (55 u 56) Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/00G3 fl-ismijiet "Regina Farrugia vs Sindku Kunsill Lokali Gharb et" u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharka.

B'riserva wkoll ghal tali azzjoni ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti annessa u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. illi preliminarjament din l-azzjoni kwantu diretta kontra s-Segretarju ma tikkoncerna lil hadd stante illi l-figura ta' segretarju ma tezistix izda tezisti l-figura ta' Segretarju Ezekuttiv.

2. illi preliminarjament ukoll irid jigi specifikat jekk din l-azzjoni hix diretta kontra l-Kunsill Lokali jew kontra s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv personalment, stante li fic-citazzjoni ma hemm l-ebda indikazzjoni jekk il-kawza hix qed issir kontra l-konvenuti personalment jew ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kunsill lokali.

3. illi fl-ewwel lok din il-kawza hija wahda frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda immedjatament bl-ispejjez kontra l-attrici.

4. illi huwa minnu illi l-attrici seta' kellha motivi politici f'li tippromwovi din ic-citazzjoni, izda madanakollu l-esponenti jhoss illi l-kummenti dwar l-elezzjonijiet tal-11 ta' Marzu huma superfluwi u zejda.

5. illi huwa michud illi xoghlijiet li kienu qed isiru ma kienux skond l-arti u s-sengha. Ghall-kuntrarju dawn

kienu qed isiru taht id-direzzjoni ta’ nies teknici f’dan il-qasam.

6. illi kontra l-immaginazzjoni ta’ l-attrici u dak minnha allegat fic-citazzjoni, ix-xoghlijiet mwettqa u li kellhom jigu mwettqa mill-konvenut ma kellhom xejn x’jaqsmu ma’ drenagg izda kienu jikkoncernaw water culvert li diga’ kien jezisti sa minn l-antik u li gie rrinovat mill-gdid ghall-gid tar-residenti ta’ l-Gharb inkluza l-attrici.

7. illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-attrici ma tgawdi l-ebda dritt dwar x’isir fi triq pubblika, nonostante li dan ikun quddiem id-dar taghha. Il-funzjonijiet tal-Kunsill lokali moghtija fil-ligi dment li jsiru skond il-ligi ghandhom ikunu jorbtu u ma jistghux jigu mistharrga fil-Qorti.

Rat il-kontro-talba taghhom li fiha l-istess konvenuti ippremettew:

Illi l-attrici permezz ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 15/00 (G3) fl-ismijiet “Regina Farrugia vs Sindku Kunsill Lokali Gharb Ghawdex et” inibiet lill-atturi milli jisskotaw b’xoghlijiet ta’ tindif u fejn hemm bzonn miljorament u tiswija ta’ water culvert li kien hemm ghaddej fost l-ohrajn minn quddiem id-dar tar-residenza taghha.

Illi dan il-mandat kien wiehed frivolu u vessatorju, u ispirat unikament minn motivi ulterjuri.

Illi l-attrici ma kellha l-ebda jedd sostanzjali fil-ligi sabiex tinibixxi lill-konvenuti b’dak il-mod.

Illi minhabba l-agir skorrett ta’ l-attrici l-konvenuti ghan-nom tal-Kunsill Lokali ta’ l-Gharb, Ghawdex sofrew u qed isofru danni kif jigi pruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza b’mod specjali billi kellhom jaghmlu xoghol rimedjabbli temporanju sabiex jigi evitat kull periklu, kif ukoll sabiex ma ssirx hsara fil-water culvert imsemmi.

Illi l-konvenuti ghan-nom tal-Kunsill Lokali Gharb, Ghawdex sofrew danni illi ntefqu hafna flus f’dan il-water

culvert li issa mhux qed jigi operat kif suppost u ghalhekk intefqu hafna flus ghal xejn.

Ili l-konvenuti jridu li jigu kkumpensati adegwatament ghal dawn id-danni.

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-attrici responsabbli ghad-danni kollha kif fuq (fil-premessi) inghad, minhabba l-agir taghha meta talbet u otteniet il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni meta ma kellhiex dritt sotanzjali taghmel dan.

2. tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mill-konvenuti.

3. tikkundanna lill-attrici ghall-hlas ta' dawk id-danni kollha kif hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha nkluza l-VAT kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u prezentat kontestwalment ma' dawn l-atti.

Bl-ingunzjoni minn issa tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati taghhom u r-relattivi listi tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepiet:

1. illi l-kontro citazzjoni kif redatta hija nulla u dana peress illi fl-ewwel lok messa intalbet ir-revoka contrario imperio tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 15/00 fuq il-premessa li dana huwa frivolu u vessatorju;

2. illi fi kwalunkwe kaz, il-procedura li giet adottatat hija nulla u dana peress illi r-rimedju spettanti lill-konvenuti kien dak kontemplat fl-artikolu 826 tal-Kodici tal-Procedura Civili u mhux dak odjern;

3. illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti ma sofrew l-ebda danni u jekk sofrew xi danni dana kien kagun u rizultat dirett tax-xoghlijiet maghmula mill-istess Kunsill, b'mod specjali tas-Sindku li ghamel l-istess xoghlijiet bla ebda pjan, bl-ghaggla u b'skop uniku sabiex jakkwista l-voti u xejn izjed.

4. salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda.

Semghet xi xhieda;

Rat il-verbali kollha;

Rat partikolarment il-verbali registrati folio 48, 49, 51, 53, 57 u 58;

Rat in-nota tal-konvenuti (folio 52) li biha cedew il-kontro-talba taghhom;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi l-kontendenti kienu rregistraw li l-meritu tal-kawza kien jinsab ezawrit. Fil-fatt il-konvenuti permezz ta' nota kienu cedew il-kontro-talba taghhom 'stante transazzjoni';

Illi konsegwentement il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez.

Illi fil-kuntest ta' dan il-kap tal-ispejjez jirrizulta mill-atti li l-konvenuti kienu ntrabtu li jhalsuhom huma.

Ghaldaqstant, tiddeciedi finalment li tieqaf milli tiehu aktar konjizzjoni tal-meritu li gie dikjarat tranzatt fil-mori u dwar il-kap ta' l-ispejjez tiddeciedi li ghandhom ikunu kollha a karigu tal-konvenuti li konsegwentement qeghdin jigu kkundannati ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------